CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fid- 9am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fid-9.15am.

**56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

56.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

56.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Ħamsa u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

56.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

56.3.1 Il-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra draft bye law biex jiġu rregolarizzatuit-tariffi amministrattivi mposti mill-Kunsill għal min irid jtella xi attivita' ġewwa l-Mdina.

Is- Sindku qal li wasal iz-zmien li areas bħal ma huma It-Tomba, Pjazza San Pawl, Misrah Il-Kunsill u Pjazza tas- Sur kif ukoll issa Casino Notabile fejn ta' sikwiet ikollna talbiet biex jittellgħu attivitajiet, it-tariffa amministrattiva mitluba mill-Kunsill tkun regolarizzata b'bye law.

56.3.2 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li għandu assigurazzjoni mill-Onorevoli Dr. Ian Borg, Ministru tat-Trasport kif ukoll konferma permezz ta' email minn Transport Malta li vetturi bħal ma huma is- Segways mhumiex permissibbli li dawn jidħlu ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill għalhekk talab li jiġu nstallati sinjali tat-traffiku li juru dan fid-daħla ta' l-Mdina.

56.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kellem lil Dr. Natalino Attard, Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali minħabba l-issue ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill fejn fil-ġimgħat li ġejjin ser issir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis fuq dan is-suġġett u jidher li ser ikun hemm cut-off date minn meta tibda titħallas il-kera tal-post ezistenti.

56.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ix-xahar id-dieħel ser issir laqgħa mal-Ministru tat- Trasport u Proġetti Kapitali, l-Onorevoli Dr. Ian Borg fejn ser jiġu diskussi xi pendenzi jew problemi f'dak li jirrigwarda tranġar ta' infrastruttura kif ukoll Transport Malta.

56.3.5 Is- Sindku staqsa lis- Segretarju Ezekuttiv fuq kif baqgħet is-sitwazzjoni tal-kuntratt tal-ġnien iz-zgħir Howard Gardens wara li l-kuntrattur infurmana li mhux ser ikompli bit-twettiq tal-kuntratt minħabba viabilita finanzjarja.

56.3.6 Is- Segretarju Ezekuttiv qal li għadu qed jistenna mid- Dipartiment għal Gvern Lokali risposta għal talba tal-Kunsill jekk jistax jingħata l-kuntratt lil min kien kellu t-tieni l-inqas offerta.

56.3.7 Is-Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jikteb lill- LESA biex tiġi installata CCTV ġdida fid-daħla għal kanċell tal-bieb, in-naħa li jgħati faċċata ta' l-Imtarfa minħabba li qed jidħlu l-muturi min dik in-naħa. Huwa ġie nfurmat li din il-camera ser tiġi installata mingħajr ebda ħlas.

56.3.8 Is- Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv jerġa jikteb lid- Direttur Ġenerali kif ukoll il-Ministru responsabbli għar- Restoration Department fuq il-periklu reali fejn hemm in-niċċa tal-Madonna, Greeks Gate fejn jidher li hemm travu mkisser u huwa ta' periklu.

56.3.9 Is- Sindku infurma lil-Kunsill li ordna xi kampjuni ta' *cigarette boxes* minn butu biex jara jekk hux vijabbli li jinbidlu ġewwa l-Imdina.

56.3.10 Is- Sindku kien tal-fehma li wasal iz-zmien li l-Kunsill jkollu l-website tiegħu għaliex dak ezistenti huwa outdated u ma għadux jintuza. Il-Kunsill approva.

## 56.4 Rapporti, Ilmenti u Ordnijiet tal-Ġurnata

56.4.1 Saret talba minn residenta li toqgħod fit-telgħa tas-saqqajja biex issir loading/unloading bay fejn ikunu jistgħu jipparkjaw temporanjament ir-residenti biex inizzlu xi xirijiet jew it-tfal tagħhom għaliex hemmhekk jezisti periklu għa-saħħa u s-sigurta tagħhom. Il-Kunsill approva u ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta.

56.4.2 Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li bgħat ittra lil Arms Ltd biex jitneħħa l-meter tad-dawl li hemm fix-shed iz-zgħir f' Howard Gardens għaliex qed titħallas il-kera għalxejn peress li mhux qed tintuza

56.4.3 Saret talba mingħand Fr. Silvio għan nom ta' l-MSSP biex tingħata l-area għal parking ġewwa it-Tomba nhar it- 23 ta' Settembru 2017 u l-24 ta' Settembru 2017 għar- raġuni li għandhom zewġ attivitajiet ġewwa l-iskola ta' Sant' Agata u peress li qed isir il-grawnd bit- turf għal Mdina Knights FC, ma għandhomx fejn jipparkjaw il-ġenituri. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

56.4.4 Talba minn Ottomar Ltd fejn beħsiebhom itellgħu attivita' fuq tlett ijem bit-tema Christmas Village fil-Foss ta' L-Mdina u qed jitolbu l-kooperazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill talab biex issir laqgħa magħhom.

56.4.5 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda ittra fuq mandat il-qorti minn TCV Advocates f'kaz li ma jitħallas l-ammont dovut ta' spejjez fuq inċident bil-mutur fejn kienet saret ħsara estensiva fil-mutur li kien seħħ f' Novembru 2015. Is- Segretarju qal li aħna bħala Kunsill konna rrifjutajna dan il-ħlas peress li kienu ġew sottomessi rċevuti mhux fiskali. Dawn l-rċevuti fl-aħħar xhur kienu ġew sottomessi u għalhekk ma baqax lok li dawn l-ispejjez ma jitħallsux. Għalhekk il- Kunsill approva li jsir dan il-ħlas dovut u it-triq partikolari li hija in-nizla ta' Casino Notabile tiġi ndirizzata u diskussa bħala priorita' meta ssir il-laqgħa ma' l-Onorevoli Dr. Ian Borg.

56.4.6 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni li ġiet mitluba minna lil Charles Mifsud biex isiru x-xogħolijiet meħtieġa fil-ġnien iz-zgħir. Ix- xogħolijiet jammontaw għas-somma ta' € 630. Il-Kunsill approva.

56.4.7 Il-Kunsill approva li l-BBQ annwali organizzata mill-Kunsill ta' L-Mdina ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' Settembru 2017.

**56.5Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

56.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib iddata tal-6 ta' Settembru 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 19,634.23

56.5.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant li kien issekondat mill- Kunsilliera Maryann Sultana Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmatamiz- żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**56.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

56.6.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra,l-laqgħa ġiet aġġornata għal 11 ta' Ottubru 2017 fit-9am

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 11-10-2017_______